**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 84/19 RM**

**Paul Pace**

**-vs-**

**Meat Point Manufacturing Limited (C-62893)**
**wara korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-12 ta' Gunju 2019**

**Illum, 23 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-atturipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Mejju 2019 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lilu s-somma ta' hdax-il elf u hames mitt euro (€11,500) rapprezentanti in kwantu ghal tlett elef u hames mitt euro (€3,500) bilanc ghal *commission* dovuta ghas-sena 2017 u tmien t'elef euro (€8,000) *commission* dovuta ghas-sena 2018, liema *commission* hija dovuta ghal bejgh ta' laham gewwa Carter's Supermarket. Illi minkejja li giet interpellata ghal hlas dovut lill-esponenti inkluz b'ittra ufficjali ai termini 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-procedura.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' Meat Point Manufacturing Ltd (C-62893)ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Gunju 2019 fejn gie eccepit:-

1. *"Illi in linea preliminari, jigi eccepit illi l-isem tas-socjeta` intimata huwa erronjament indikat fl-okkju stante illi dan ghandu jaqra 'Meatpoint Manufacturing Limited' u mhux 'Meat Point Menu Factory Limited'.*

2. *Illi ukoll in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti rationae materiae sabiex tieghu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti;*

3. *Illi in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghal fuq premess, it-talba tar-rikorrenti qed tigi kontestata u jispetta lir-rikorrenti jgib prova tal-allegazzjonijiet u t-talbiet tieghu.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.*"

Rat illi permezz ta' digriet moghti fit-12 ta' Gunju 2019, laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta u b'hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2019, ordnat illi in vista tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta dwar l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti, jitressqu l-provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni;

Rat illi s-socjeta` konvenuta ddikjarat li ma ghandhiex provi xi tressaq in sostenn tat-tieni eccezzjoni minnha sollevata[1];

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2020, il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' April 2020;

Rat illi permezz tal-Avviz Legali 61 tal-2020 u l-Avviz Legali 65 tal-2020, il-Qorti u r-Registru taghha gew maghluqin b'ordni tas-Superintendent tas-Sahha Pubblika b'effett mis-16 ta' Marzu 2020 u konsegwentement, l-udjenza tad-29 ta' April 2020 giet differita ghat-23 ta' Gunju 2020;

Rat illi permezz tal-Avviz Legali 177 tal-2020 gie ordnat il-ftuh tar-Registru ta' din il-Qorti b'effett mill-4 ta' Mejju 2020;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fil-11 ta' Mejju 2020, giet ordnata s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza fuq talba tas-socjeta` konvenuta b'rikors taghha tat-8 ta' Mejju 2020;

Rat l-Affidavit tal-attur, ipprezentat fis-16 ta' Jannar 2020;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-partijiet dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta waqt l-udjenza tat-13 ta' Lulju 2020;

Rat illi l-kawza giet imhollija llum ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti;

Ikkunsidrat;

[1] 13 ta' Novembru 2019.

Bit-tieni eccezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta tikkontendi li din il-Qorti m'hijiex kompetenti *ratione materiae* sabiex tiehu konjizzjoni tat-talba tal-attur. Ghalkemm fir-Risposta u waqt is-smigh tal-provi is-socjeta` kovenuta baqghet ma fissritx l-ghala t-talba ghall-hlas kif dedotta fir-Rikors promotur m'hijiex wahda li taqa' fil-parametri tal-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti tal-Magistrati b'kompetenza inferjuri, eventwalment waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta` konvenuta issottometta illi din l-eccezzjoni hija fondata fuq l-Artikolu 75 tal-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrjali[2] (Kapitolu 452), senjatament id-dispozizzjonijiet tas-subinciz (b) tal-Artikolu 75.

L-Artikolu 75 tal-Kap. 452, li jistabbilixxi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrjali, jistipola hekk:-

*(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*
*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*
*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:*

It-tezi tas-socjeta` konvenuta hi li skont l-Artikolu 75(1)(b), il-kazijiet kollha li taht it-Titolu I tal-Att, intestat "*Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*", jaqghu fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrjali u effettivament l-ebda wahda mill-qrati ordinarji ma ghandha gurisdizzjoni fuq il-materji trattati f'dan l-Ewwel Titolu tal-Att. Hija tikkontendi illi l-kaz in dizamina huwa wiehed prospettat fit-Titolu I tal-Kap. 452 ghaliex jikkoncerna relazzjoni tal-impieg, senjatament

[2] Imsejha "l-Att".

kwistjoni dwar il-hlas ta' paga, u ghaldaqstant, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 75(1)(b) dan il-kaz jirrientra fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva illi kif inhuwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, ir-regola generali hi illi "*il-kompetenza tal-Qorti hija determinat fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".* [3]

Il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati hija stabbilita mill-Artikolu 47 tal-Kap. 12 li jipprovdi hekk:-

***47.** (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u jiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom irresidenza*
*tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*
*(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*
*(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta'beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti,*

---

[3] Vide **Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et**, deciza fis-7 ta' Ottubru 1997, Qorti tal-Appell. Ara wkoll **Pauline Mizzi mart Joseph Mizzi u l-istess Joseph Mizzi vs Concetta Key**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 2001.

*ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba.*

Issa fil-kaz in dizamina, kif premess, it-talba tal-attur giet imfassla bhala talba ghall-hlas ta' "*commission ... dovuta ghal bejgh ta' laham gewwa Carter's Supermarket...*" Imkien fir-Rikors promotur ma jissemma xi kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg bejn il-partijiet izda fix-xhieda tieghu, l-attur qal illi huwa kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala "butcher" u fil-kors tal-impjieg tieghu l-partijiet kienu ftiehmu illi lil hinn mill-paga regolari tieghu, il-kumpannija kellha thallsu *commission* f'kaz li jintlaqhu certu tragwardi ta' bejgh ta' laham fil-gimgha.

Minn dan isegwi illi mad-daqqa t'ghajn, it-talba tal-attur fil-kaz in dizamina tinkwadra tajjeb fil-parametri tal-gurisdizzjoni *ratione materiae* ta' din il-Qorti. Izda galadarba l-ligi fl-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrjali hija evidentement wahda specjali, mahsuba biex tirregola qasam specifiku tal-ligi civili, isegwi illi b'applikazzjoni tal-principju *lex specialis derogat generalis*, ir-regola dwar il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrjali tidderoga mir-regoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jistabbilixxu l-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji.

Dak li trid tistabbilixxi l-Qorti hawnhekk huwa jekk it-talba tal-attur hijiex dwar kaz li jaqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I tal-Att. Dan l-istharrig jirrikjedi ezercizzju ta' interpretazzjoni tad-dispozizzjoni tal-ligi li qed tinvoka s-socjeta` konvenuta. Il-Qorti tqis illi bhala ligi specjali, il-Kap. 452 jehtieg interpretazzjoni stretta b'mod illi, anke kwantu ghall-parametri tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal, dawn ma jistghux jitwessghu biex jinkludu kazijiet li ma gewx indikati specifikatament mil-legislatur jew li ma jinkwadrawx sfiq fid-dicitura tal-ligi.

In propositu, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta' Settembru 2010, qalet hekk:-

"*… l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk, salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma ndikax fil-liġi għax ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu.*"[4]

Ikkunsidrat;

Il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u l-poteri tieghu huma dawk espressament imfissra fl-Artikolu 75 tal-Kap. 452 liema dispozizzjoni tistabbilixxi l-limiti tal-operat ta' dan it-Tribunal specjali. Is-subinciz (b) tal-Artikolu 75(1) tal-Kap. 452, li gie invokat mis-socjeta` konvenuta, jistipola illi t-Tribunal Industrjali ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jaqta':-

*"il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu,*

It-Titolu I tal-Kap. 452, intestat "*Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*" fih diversi Taqsimiet li jittrattaw oqsma varji tal-impieg, fosthom il-protezzjoni tal-pagi, terminazzjoni ta' kuntratti ta' impieg u protezzjoni kontra diskriminazzjoni fl-impiegi. Izda mid-dicitura tas-subincinz (b) tal-Artikolu 75(1)(b) fuq citat, il-

[4] **Karmenu Vella vs General Workers' Union**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Settembru 2010.

Qorti tqis illi mhux it-Taqsimiet kollha tat-Titolu I tal-Kap. 452 jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tal-istess Artikolu.

Il-Qorti fliet id-dispozizzjonijiet kollha tal-Ewwel Taqsima tal-Kap. 452 u fehmet illi l-kazijiet "*li jaqghu fil-gurisdizjoni tat-Tribunal*" espressament "*bis-sahha tal-Ewwel Titolu*" tal-Att, huma **biss dawk li jikkoncernaw protezzjoni kontra diskriminazzjoni relatata mal-impieg, liema kazijiet jinsabu elenkati fl-Artikolu 30 tal-Att**, li jistipola hekk fis-subinciz (1) tieghu:-

***30.*** *(1) Persuna li tallega li l-prinċipal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista', fi żmien erba' xhur mill-ksur allegat, tippreżenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali għandu jisma' dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.*

Fil-kaz tal-Artikolu 30 tal-Kap. 452 izda, huwa ovvju li l-legislatur ried jirreferi ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali il-kazijiet hemm imsemmija, u dan ghaliex dan jinghad b'mod espress u specifiku minghajr ebda ombra ta' dubju. Izda l-Qorti ma rriskontrat ebda dispozizzjoni ohra fit-Titolu I tal-Kap. 452 illi tikkonferi espressament gurisdizzjoni lit-Tribunal Industrjali biex jikkunsidra u jaqta' xi kaz a tenur tas-subinciz (b) tal-Artikolu 75(1).

Fl-istess sentenza fuq citata, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kompliet tghid hekk b'referenza ghas-subinciz (b) tal-Artikolu 75(1) tal-Kap. 452:-

"*Kif diga` rrilevat qabel, din il-Qorti tghid li din id-disposizzjoni inkitbet b'dak il-mod, mhux b`kumbinazzjoni, izda ghal ghan specifiku u cioe` sabiex taghti gurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-kazi li jaghmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti tahtu **u** li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Kif diga` rajna, fejn fit-Titolu I, il-ligi riedet li jidhol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet specifikament. Li kieku l-legislatur ried tassew li*

*l-kazijiet kollha li jirrigwardaw kull wiehed mit-tmienja u erbghin (48) artikoli li jaghmlu t-Titolu I jigi kunsidrat u deciz b`mod eskluziv mit-Tribunal Industrijali, kien jirreferi* **mill-ewwel u biss** *ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux jispecifika il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti.*"[5] [enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

B'zieda mal-premess, anke jekk ghal mument wiehed kellu jaccetta illi kwistjonijiet dwar il-hlas tal-paga tal-impjegat[6] jaqghu fil-gurisidizzjoni esklussiva tat-Tribunal bis-sahha tat-Titolu I tal-Att, hu evidenti li t-talba attrici fir-Rikors promotur m'hijiex dwar hlas ta' paga izda ghall-hlas ta' *commission* li, skont kif gie imfisser mill-attur fix-xhieda tieghu, kien il-mertu ta' ftehim ghal kollox indipendenti u separat mill-ftehim dwar il-hlas tal-paga regolari. Effettivament, fil-kaz in dizamina, l-attur mhux jilmenta li l-principal tieghu naqaslu l-paga jew ma hallsux il-paga izda qed jallega li l-ftehim li kellu mieghu, mhux relatat mal-paga jew ma' kondizzjonijiet ohra tal-ingagg tieghu, ma kienx rispettat mill-kumpannija.

Madanakollu, minn ezami tad-dispozizzjonijiet legali formanti parti mit-Taqsima III intestata "*Protezzjoni tal-Pagi*", ma jirrizultax illi fost dawn id-dispozizzjonijiet legali hemm xi wahda li tistipola espressament li kazijiet rigwardanti l-paga tal-impjegat ghandhom jinstemghu u jigu decizi mit-Tribunal Industrjali. Inoltre, id-definizzjoni ta' paga kif imfissra fid-dispozizizzjonijiet li jifformaw parti mil-Artikolu 2 tal-Att, teskludi xi *bonus* jew *allowance* marbuta mal-produzzjoni jew esekuzzjoni tax-xoghol. Konsegwentement ftit jista' jkun

[5] **Karmenu Vella vs General Workers Union**.
[6] *"Paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;*

hemm dubju illi l-pretensjoni tal-attur fil-kaz in dizamina ma tinkwadrax ruhha fit-tifsira ta' paga skont l-Att dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrjali.

Barra minn hekk, fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2010[7], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz konsimili ghal dak odjern - fejn gie eccepit in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji f'kaz ta' tilwima dwar ksur ta' xi kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol konkluz bejn il-partijiet - riteniet illi galadarba l-vertenza mertu tal-kawza hija *ex contractu*, bhala tali hija sindikabbli mill-qrati ordinarji u mhux mit-Tribunal Industrjali.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess u stabbilit, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti, kif sollevata mis-socjeta` konvenuta, m'hijiex tajba u sejra ghalhekk tigi respinta.

**<u>DECIDE</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li qieghda tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddikjara li hija ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza u tordna l-prosegwiment tas-smigh taghha fil-mertu.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[7] **Simon Grima vs MH Malta Limited**.